# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 29 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Numru : 644/2012 JPG**

**Falliment ta'Frederick (K.I. 295684M) u**
**Rachel (K.I. 45384M) konjugi Cauchi**

**VS**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat id-dikjarazzjoni ta' falliment ta' Frederick (K.I 295684M) u Rachel (K.I. 45384M) konjugi Cauchi tat-22 ta' Gunju 2012 li taqra hekk:

*"Illi l-esponenti jiggestixxu negozju ta' bejgh bl-imnut ossija l-hanut bl-isem , 'Tal-Grazzja Confectionery' fi Triq il-Karmnu, il-Fgura.*

*Illi bil-prezenti dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni qed issir ghal finijiet tal-Artikolu 478 et seq. tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti qieghdin jiddikjaraw li huma waqfu mill-hlas tad-djun taghhom u kwindi jinsabu fi stat ta,*
*falliment.*

*Illi sa fejn jafu l-esponenti, id-djun taghhom huma dawk li jinsabu murija fir- prospett anness u mmarkat 'Dok.X'.*

*Illi l-esponenti qieghdin jiddikjaraw ukoll li l-indirizzi tal-kreditur taghom huma dawk murija f 'Dok' Y', f'liema lista huwa indikat ukoll ix-xorta tad-dejn li fil-parti l-kbira taghhom jindikaw prezz ta' merci ikkonsenjat lil-esponenti ghal-bejgh fil-hanut taghhom.*

*Flimkien mal-odjerna dikjarazzjoni, l-esponenti qieghdin jipprezentaw busta immarkat bhala 'Dok Z' li tikkontjeni l-karti tan-negozju tas-sena 2010.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tipprocedi kif trid il-ligi sabiex jigi dikjarat l-istat ta' falliment tal-esponenti Frederick u Rachel konjugi Cauchi u dan taht il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mad-dikjarazzjoni (Vide fol. 3 sa fol 15);

Rat id-digriet taghha ta'3 t'Ottubru 2012 fejn, wara li l-Qorti qieset dak li jghid l-Art 481 tal-Kap 13, ordnat lir-Registratur sabiex minnufih b`ittra isejjah lill-kredituri li isimhom kien indikat mid-dikjarant sabiex jidhru fl-udjenza li l-Qorti appuntat ghad-29 ta'Novembru 2012,f'12:00pm sabiex hemm ighidu ghaliex id-debitur taghha m`ghandux jigi ddikjarat fi stat ta` falliment u sabiex jigu mahtura kuraturi. Ir-Registratur kien ordnat ukoll sabiex minnufih jiehu hsieb jaghmel sunt tad-dikjarazzjoni u jxandarha b`avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u f`zewg gurnali li johorgu kuljum f`dawn il-Gzejjer wiehed fl-ilsien Malti u l-iehor fl-ilsien Ingliz;

Rat illi r-Registratur ottempera ruhu;

Rat id-diversi noti li pprezentaw l-kredituri biex isostnu l-pretensjoni taghhom kontra il-konjugi Frederick u Rachel Cauchi.

Rat il-verbal tas-16 t'Ottubru 2014 (a fol. 390) fejn gie nominat Dr. Peter Caruana Galizia bhala Perit Legali;

Rat ir-relazzjoni ta' Dr. Peter Caruana Galizia prezentat fl-20 t'Awwissu 2015 u mahluf fis-7 t'Ottubru 2015(a fol. 407 et seq.);

Rat il-verbal tal-udjenza tal-2 ta' Dicembru 2015 fejn *inter alia* kien dikjarat mill-kredituri prezenti jew rapprezentanti taghhom illi huma jaqblu fil-principju li ghandha ssir il-hatra ta` kuratur;

Rat illi fit-28 ta' Jannar 2014 id-dikjarant ipprezenta permezz ta' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti il-kotba tal-kummerc bit-taghrif li jista` jipprovdi a tenur tal-Art 480 tal-Kap 13 (a fol. 196 *et sequitur*);

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni taghha;

Rat l-assjem tal-atti tal-procediment.

**Ikkonsidrat;**

Fir-relazzjoni tieghu il-Perit Legali Dr. Peter Caruana Galizia tenna:

1. Illi b' dikjarazzjoni ta' falliment ipprezentat fit-22 ta' Gunju 2012 Frederick u Rachel konjugi Cauchi wara li premettew illi jigestixxu negozju bl-isem *Tal-Grazzja Confectionery* fi Triq il-Karmnu, Fgura, ghamlu dikjarazzjoni ghal finijiet tal-Artikolu 477 u 478[1] *et seq* tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta fejn iddikjaraw illi huma waqfu mill-hlas tad-djun taghhom u kwindi jinsabu fi stat ta' falliment.

[1]**477.** Kull kummerċjant li jieqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu hu fi stat ta' falliment.
**478.** (1) Il-kummerċjant jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu jista', meta jieqaf mill-ħlas, jagħmel dikjarazzjoni ta' dan fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla.

2. Illi Frederick u Rachel Cauchi annetew mad-dikjarazzjoni taghhom prospett markat bhala Dok X ta' djun taghhom, kif ukoll lista tal-indirizzi tal-kredituri taghhom markat bhala Dok Y fejn hemm indikat ix-xorta tad-dejn li fil-parti l-kbira taghhom jindikaw prezz ta' merci ikkonsenjat lilhom ghall-bejgh fil-hanut taghhom. Illi Frederick u Rachel Cauchi ipprezentaw ukoll bhala Dok Z karti tan-negozju tas-sena 2010 u fl-ahhar talbu lil dina l-Qorti tiddikjara l-istat ta' falliment taghhom.

3. Ili fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 il-Qorti ordnat li fis-seduta sussegwenti tad-29 ta' Novembru 2012 jidhru l-partijiet interessati.

4. Illi b' nota pprezentata fid-19 ta' Ottubru 2012 ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili esebixxa estratt ta' gazzetta lokali markat bhala Dok A fejn gie ppubblikat avviz biex jidhru il-partijiet interessati fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2012.

5. Illi l-kredituri indikati minn Frederick u Rachel Cauchi ipprezentaw diversi noti u risposti fl-atti kif gej:

    a) **APS Bank Limited** (C-2192) insistiet fin-nota taghha tas-16 ta' Awissu 2012 illi ghandhom qabel kollox jigu segwiti u mplimentati r-rekwiziti u provedimenti kollha stipulati fl-Artiklu 477 *et seq* tal-Kap 13. Irrilevat ukoll illi Frederick u Rachel Cauchi naqsu li junkludi l-assi personali kollha taghhom, fosthom id-dar taghhom apartament 5 *Lilium Court* u l-*garage* numru 2, fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala. Finalment stqarret illi ghandha tiehu is-somma ta' €440,500.13 minghand Frederick u Rachel Cauchi oltre l-imghaxijiet ulterjuri b' effett mill-1 ta' Lulju 2012 u dana bhala kreditrici ipotekarja.

b) Illi b'risposta ipprezentata fis-17 ta' Awissu 2012, id-**Direttur Generali tat-Taxxi Interni** iddikjara illi hu kreditur tal-atturi fl-ammont ta' €65,498.00 f' arretrati ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provvizorja u taxxa addizzjonali u talab li jixtieq jikkonkorri fl-eventwali konkors tal-kredituri.

c) Illi b'risposta pprezentata fit-22 ta' Awissu 2012 **Banif Bank (Malta) Plc** iddikjarat illi kellha tiehu s-somma ta' €2,345.84 minghand Frederick u Rachel Cauchi (u mhux kif indikat minnhom). Illi ddikjarat ukoll li ma ghandha ebda oggezzjoni.

d) Illi b'risposta pprezentata fit-22 ta' Awissu 2012, is-socjeta **Alf Mizzi & Sons Marketing Limited** (C 8692) iddikjarat illi ghandha tiehu s-somma ta' €403.00 minghand Frederick u Rachel Cauchi u mhux a' €383.00 kif indikat minnhom. Iddikjarat ukoll illi fl-opinjoni taghha ma jussusistux l-elementi necessarji sabiex jigi ddikjarat l-istat ta' falliment u li ghalhekk it-talba ta' Frederick u Rachel Cauchi ghandha tigi michuda.

e) B'nota pprezentata fit-23 ta' Awissu 2012, is-socejta **Best Deals International Limited** (C-35701) fil-waqt li rrilevat illi Frederick u Rachel Cauchi ma esebewx il-kotba u karti tal-kummerc kif titlob il-ligi, oggezzjonat ghal fatt illi numru mid-djun elenkati ta' Frederick u Rachel Cauchi mhumiex djun tan-negozju, fosthom dak favuriha. Jidher ukoll illi hallew xi assi barra, fosthom id-dar ta' abitazzjoni taghhom. Dwar l-ammont dikjarat bhala dovut ta' €9,731.00 dan fil-fatt ghandu jkun ta' €9,734.57 oltre l-imghax.

f) B'nota pprezentata fl-24 ta' Awissu 2012, **P Cutajar & Co Ltd** (C 293) iddikjarat li l-ammont dovut lilha minn Frederick u Rachel Cauchi huwa ta' €141.00 liema kreditu mhuwiex munit b'ipoteka jew privilegg.

g) Illi b' nota pprezentata fil-31 ta' Awissu 2012 is-socjeta **360 Food Import Limited** (C 46590) accettat li l-ammont dovut lilha minn Frederick u Rachel Cauchi huwa ta' €362.00.

h) Illi b' nota pprezentat fis-28 ta' Settembru 2012, is-socjeta **Bank of Valleta plc** (C 2833) ddikjarat illi hija kreditrici ta' Frederick u Rachel Cauchi fis-somma ta' €6,814.20 flimkien mal-imghaxijiet legali mis-27 ta' Awissu 2012 u dan fuq facilitajiet bankarji moghtija lil Frederick Cauchi.

i) Illi b'risposta pprezentata fit-22 ta' Awissu 2012, id **Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)** iddikjara illi huwa kreditur ta' Frederick u Rachel Cauchi fis-somma ta' €3,437.14 liema dejn jippregradwa kull dejn iehor.

j) Illi b' nota pprezenta fid-29 ta' Novembru 2012, is-socjeta` **Falcon Wines and Spirits Limited** (C 3774), illum GSD Marketing Limited[2] iddikjarat illi ma topponix ghat-taba ta' Frederick u Rachel Cauchi li jigu dikjarati fi stat ta' falliment u li hija kreditrici taghhom fis-somma ta' €766.00.

k) Illi b' nota pprezentata fid-29 ta' Novembru 2012, is-socjeta **General Soft Drinks Company Ltd** (C-1591) iddikjarat li ma topponix ghat talba ta' dikjarazzjoni ta' falliment ta' Frederick u Rachel Cauchi u ddikjarat illi hija kreditrici taghhom fis-somma ta' €13,711.89.

l) Illi b' nota pprezentata fil-11 ta' Jannar 2013 is-socjeta **HSBC Bank Malta plc** iddikjarat illi hi kreditrici ta' Rachel Cauchi fl-ammont ta'

[2] Vide rikors 19.5.2015 u digriet 25.5.2015

€2490.04 u ghalhekk ghandha interess li tippartecipa fil-proceduri ta' falliment.

6. Illi b' nota pprezentata fit-28 ta' Jannar 2014 Frederick u Rachel Cauchi ezebew "*tradebooks*" bhala Dok TB1.

7. Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, b' rikors ipprezentat fil-5 ta' Mejju 2014 Frederick u Rachel Cauchi talbu lil Qorti tawtorizza l-bejgh tal-appartament taghhom numru 5 *Lilium Court*, Triq Patri Wistin Born, Marsascala u dana bil-prezz ta' €113,000.00. Il-Qorti ordnat notifika lil partijiet interessati pero` ma jidhirx li Frederick u Rachel Cauchi hadu hsieb il-hlas tan-notifiki necessarji

8. Illi b' nota pprezentata fil-11 ta' Awissu 2014 Andrew u Frances konjugi Cauchi, wara li ppremettew li huma l-genituri ta' Frederick Cauchi, iddikjaraw illi Frederick u Rachel Cauchi huma debituri taghhom fis-somma ta' €73,000.00.

9. Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, il-Qorti ccarat l-inkarigu tal-esponenti fis-sens li n-nomina tieghu kienet bhala perit legali u dan in vista tal-pretenzjonijiet ta' missier Frederick Cauchi u in vista tal-kwistjoni tat-*trade books* tal-istess Frederick Cauchi.

10. Illi fil-qadi ta' dan l-inkarigu l-esponenti zamm tliet seduti fis-17 ta' April 2015, 4 ta' Mejju 2015 u s-16 ta' Gunju 2015 u issa jinsab f'posizzjoni li jirrelata kif gej wara li gie debitament awtorizzat fl-ahhar seduta.

11. Jidher illi Frederick u Rachel Cauchi kienu jigestixxu l-hanut maghruf bhala *Tal-Grazzja Confectionery* fi Triq il-Karmnu, Zabbar u li wara li sabu ruhom fi stat li ma setghux jhallsu izjed id-djun taghhom ghamlu dikjarazzjoni ta' falliment.

12. Huma annettaw mad-dikjarazzjoni dak kollu rikjest mill Artiklu 479[3] Kap 13 inkluz id-dettalji tal-kredituri taghhom u l-ammont dovut lil kull wiehed minnhom.

13. Illi Frederick u Rachel Cauchi ma pprezentawx il-kotba tan-negozju mad-dikjarazzjoni ta' falliment izda pprezentawhom wara ordni mill-Qorti fil-mori tal-proceduri bhala Dok TB1. Jidher li dawn il-kotba mhumiex ezawrenti izda Frederick u Rachel Cauchi qeghdin jsostnu li hafna mill-kotba jew dokumenti gew distrutti minn terza persuna.

**14.** Illi jirrizulta li r-registratur ta' dina l-Qorti avza lill-kredituri kollha ndikati minn Frederick u Rachel Cauchi kif jrid l-Artiklu 481 Kap 13 u jirrizulta li minn dawn il-kredituri kollha Alf Mizzi & Sons Marketing Ltd biss qeghda topponi t-talba ta' Frederick u Rachel Cauchi ghad-dikjarazzjoni ta' falliment fis-sens li "ma jussusistux l-elementi necessarji" pero` naqset li b'xi mod tissostanzja dina l-allegazzjoni.

**Provi**

**15.** Fl-ewwel seduta li saret fis-17 ta' April 2015, Frederick Cauchi kkonferma illi r-rikors biex tinbiegh id-dar u *garage* kien gie rtirat. Stqarr ukoll li t-talba tal-genituri tieghu hija gustifikata billi kien hemm self bin-nutar. Mistoqsi ghaliex ma kienx inkluda dan is-self fil-lista ta' kredituri, xehed li dana kien ghaliex kien ***"bil-hsieb u tama li jahfirhomli***". Mistoqsi dwar il-karti tan-negozju, qal li kien hemm izjed ***"izda kienu go hanut iehor u meta kkonsenjat c-cwievet lis-sid, peress illi ma kontx sejjer tajjeb, is-sid qabad u rema kolllox."***

[3] **479.** Id-dikjarazzjoni tal-kummerċjant għandu jkun fiha l-isem u l-kunjom tiegħu, kif ukoll ix-xorta ta' kummerċ li hu kien jagħmel, l-ismijiet, il-kunjomijiet u partikolaritajiet oħra tal-kredituri tiegħu, bil-lok fejn joqogħdu, u l-kwalità u x-xorta tad-djun

16. Iddikjara li illum l-assi li ghandi huma (a) Flat 5 Lilium Court u garage fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala u (b) l-ghamara li hemm fl-appartament. Kompla biex jiddikjara illi ***"waqaft inhallas il-kredituri fl-ahhar tas-sena 2011 (Dicembru). Nghid li l-istokk kien naqas hafna peress li ma bqajniex nixtru u li baqa` kien skada u kellu jintrema."***

17. Fit-tieni seduta li saret fl-4 ta' Mejju 2015 Frederick Cauchi xehed dwar l-akkwist minnu ta' Tewmi Motoring School Limited u li biex jixtriha minghand Joseph Schembri kien issellef €69,800.00 minghand missieru. Ix-xhud qal li Joseph Schembri kien sussegwentement hadha lura u ezebixxa skrittura (Dok FC1) dwar dan it-trasferiment lura fejn hemm indikat li rceva €23,000. Jghid li dana mhux minnu u ma rceva xejn.

18. Ix-xhud qal li jbaghti bil-Bi-Polar Disorder u ezebixxa *case summaries* dwar dana bhala Dok FC2 , FC3 u FC4. Ezebixxa ukoll certifikati medici bhala Dok FC5 u Dok FC6.

**19.** Fit-tielet seduta li saret fis-16 ta' Gunju 2015, xehed l-*accountant* ta' Frederick Cauchi li jismu Chris Mercieca u li ezebixxa l-*Profit & Loss account* tal-perjodu mill 1 ta' Jannar 2011 sal-ahhar ta' Awissu 2011 li qal huma l-aktar ricenti. Mistoqsi ghaliex jiefqu fl-ahhar ta' Awissu, ix-xhud jghid li ***"ma niftakarx ezatt izda kien hemm xi cirkustanzi specjali ghax mhux normali li jsiru hekk u mhux sal-ahhar tas-sena."*** Jghid ukoll li dawna l-*accounts* kienu juru *net profit before tax* ta' €16,000.

**Kunsiderazzjonijiet**

20. Illi l-materja ta' falliment ta' kummercjant (*trader)* hija regolata mill-Artiklu 478 *et sequitur* tal-Kap 13 Ligijiet ta' Malta.

21. Jirrizulta li Frederick u Rachel Cauchi ottemperaw ruhhom ma dak li jrid l-Artikolu 478(1) I 479 tal-Kap 13 pero' naqsu li jipprezentaw il-kotba u karti

kollha tal-kummerc a' tenur tal-Artiklu 480 Kap 13 u Frederick Cauchi jipprova jiggustifika dan in-nuqqas billi jghid li kienu ntremew mis-sid tal-fond fejn kienu wara li giet terminata l-kirja. Huwa car li dina hija skuza u mhux gustifikazzjoni. Kienu huma li hallewhomn fil-fond wara t-terminazzjoni tal-kirja u huwa inutili jipprovaw jattribwixxu xi tort lis-sid tal-fond fejn kienu jinsabu. Dan l-agir ta' Frederick Cauchi jista' ghalhekk jaghti lok eventwalment ghal-applikazzjoni tas-subincis (f) tal-Artiklu 539[4] Kap 13 u ghalhekk jitilfu l-beneficju moghti lill falluti mil-ligi.

22. Ghalkemm il-kuntratt ta' self favur Frederick Cauchi u l-genituri tieghu ma giex ezebit f' dawn il-proceduri, il-Perit Legali ma kellu l'ebda raguni biex jahseb li dan is-self ma sehhx kif allegat. Ovvjament trid issir il-prova dokumentarja fi stadju iehor ta' dawn il-proceduri.

**23.** Illi jirrizulta li d-data meta Frederick u Rachel Cauchi waqfu jhallsu l-kredituri kien fl-ahhar tas-sena 2011. Dan johrog mix-xhieda ta' Frederick Cauchi stess. Il-Perit Legali kien tal-fehma illi fin-nuqqas ta' data preciza, ghandha tittiehed id-data ta' 31 ta' Dicembru 2011 biex zgur ma jkunx hemm il-possibilita' ta' konfuzjoni fid-data ezatta.

**Konkluzjoni**

24. **Ghaldaqstant, tenut kont li ma hemm ebda kontestazzjoni mill-kredituri u li x-xhieda ta' Frederick Cauchi tidher kredibbli Dr. Caruana Galizia kien tal-fehma li dikjarazzjoni ta' falliment ta' Frederick u Rachel Cauchi pprezentata f'**

---

[4] **539.** (1) Il-benefiċċji li l-liġi tagħti lill-fallut ma jgħoddux għall-każ ta' falliment doluż.
(2) Kull kummerċjant jitqies li hu fallut doluż f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
(*a*) jekk hu ma jistqarrx is-sewwa f'dak li għandu x'jaqsam mal-krediti jew mad-djun tiegħu, u ma' linsolvibbiltà tiegħu;
(*b*) jekk huwa jfinġi spejjeż jew telf, jew ma jagħtix kont sodisfaċenti ta' dak kollu li daħħal;
(*ċ*) jekk hu jkun ħeba jew warrab xi somma ta' flus, jew xi kreditu, oġġetti, merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli;
(*d*) jekk hu jkun finġa bejgħ, negozji jew donazzjonijiet;
(*e*) jekk hu jkun finġa djun bi ftehim bejnu u kredituri fittizji, billi joħloq skritturi foloz jew billi jistqarr ruħu debitur, mingħajr kawża jew valur, b'atti pubbliċi jew
privati;
(*f*) jekk ikun ħeba jew qered il-kotba tiegħu, dokumenti jew karti oħra dwar il-kontijiet tiegħu.

**dina l-Qorti fit-22 ta' Gunju 2012 ghandha tigi accettata b' effett mill-31 ta' Dicembru 2011, data li huma waqfu mill-hlas tad-djun taghhom biex b' hekk jista' jkompli l-process billi jinstemghu l-provi dwar il-krediti vantati kontra l-falluti.**

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa r-relazzjoni ta' Dr. Caruana Galizia, taddottha u taghmilha taghha.

**Ikkonsidrat :**

Illi skond l-**Art 477 tal-Kap 13**, ***kull kummerċjant li jieqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu hu fi stat ta' falliment.***

Illi fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fis-17 ta' April 2015, id-dikjarant Frederick Cauchi xehed illi fid-data tal-presentata tad-dikjarazzjoni ta` falliment, huwa kien waqaf mill-hlas tad-djun tieghu, u li wara dik id-data, huwa ma hallas lil ebda kreditur.

Illi biex persuna tkun tikkwalifika biex taghmel id-dikjarazzjoni skond l-Art 477 tal-Kap 13 trid tkun *kummercjant.* Minn ezami tad-dokumenti esebiti, in partikolari l-lista u n-natura tal-krediti pretizi kontra il-konjugi Cauchi, huwa evidenti li d-dikjarant kellu negozju tal-bejgh bl-imnut, u l-krediti kontra tieghu mmaturaw mill-esercizzju da parti tieghu ta` atti ta` kummerc kif deskritti fil-Kap 13.

Illi l-punt meta kummercjant jieqaf mill-hlas tad-djun u ghalhekk ikun fi stat ta` falliment huwa punt ta` fatt.

Illi wara li qieset l-atti fil-kumpless taghhom, inkluzi d-dokumenti li jevidenzjaw il-qaghda finanzjarja tad-dikjarant, jirrizulta li l-konjugi Cauchi certament waqaf ihallas lill-kredituri tieghu kollha u *jidher* li mhuwiex f`qaghda li jhallas id-djun tieghu. Il-Qorti mhijiex sejra taghmel enfasi fuq it-tieni sitwazzjoni ghaliex skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, biex tinghata dikjarazzjoni ta` falliment huwa bizzejjed illi kummercjant ikun waqaf mill-hlas tad-djun tieghu ; mhux mehtieg illi jintwera

wkoll illi ma ghandux mnejn ihallas (**ara s-sentenza tal-25 ta` April 1961 fil-proceduri tal-falliment ta` Henry Shirley Furniss-Roe**).[5]

Il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fuq indikata kienet irriteniet illi:

> ***"l-istat ta` cessazzjoni tal-pagamenti ta` kummercjant jikkonsisti fin-nuqqas tieghu li jissoddisfa puntwalment l-obbligi li jkun assuma, liema stat jimmanifesta ruhu bir-rifjut tal-pagament. Ghalhekk huwa l-istat tal-insolvenza li jikkostitwixxi l-falliment u mhux l-istat ta` insolvibbilita`."***

L-istess Qorti kienet insenjat:

> ***"Ghalhekk ma jghodd xejn l-izbilanc tal-azjenda, u lanqas u lanqas il-kondizzjoni ekonomika tal-kummercjant li jiddisipa gidu ghaliex ghalkemm il-passiv jissupera l-attiv, ghalkemm kbir ikun id-dissest, ghalkemm temerarji jkunu l-imprizi, sakemm il-kummercjant ihallas id-debiti tieghu u jonora l-impenji propriji, basta ma jirrikorrix ghal mezzi rovinozament u frawdolentement prokurati, ma jistghax jigi dikjarat fallit ; kif minn naha l-ohra ma tibbastax, biex issalvah mill-falliment, il-prova li l-attiv jissupera l-passiv, jekk ikun naqas li jaghmel il-pagament. "Vi ha cessazione dei pagamenti" ighid Dr. Debono taghna "allorquando un commerciante non trova piu` credito per reggersi e provvedere al bisogno del proprio commercio, sicche`, non potendo piu` ne` pagare effettivament, ne` appigliarsi a spediente per mezzo di oneste e momentanee operazioni di credito deve arrestare i propri affari."***

Fil-kaz tal-lum irrizulta li c-cessazzjoni tal-pagamenti da parti tal-konjugi Cauchi lill-kredituri sehhet fil-31 ta' Dicembru 2011.

[5] Vide wkoll s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013 fil-proceduri tal-falliment ta' John Pace.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tad-19 ta` Frar 1957 fil-kawza "**Zahra pro et noe vs Grech**" fejn inghad hekk :

> *"… skond is-sistema tal-ligi taghna l-istat tal-falliment jistabbilixxi ruhu nvarjabilment u ndivizibilment quddiem l-interessati kollha, u bil-pjenezza tal-effetti u tal-konsegwenzi tieghu biss bis-sentenza ta` din il-Qorti li tiddikjarah fuq l-istanza tal-fallit jew tal-kredituri … b`din is-sentenza jigi nominat il-kuratur biex jezercita l-funzjonijiet li l-ligi tattribwilu matul ir-regim tal-falliment."*

Il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu r-rekwiziti kollha ta` fatt u ta` dritt sabiex il-konjugi Cauchi jigu dikjarati fi stat ta` falliment b`effett mill-31 ta' Dicembru 2011.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi:**

**Tiddikjara li Frederick (K.I 295684M) u Rachel (K.I. 45384M) konjugi Cauchi waqfu mill-hlasijiet taghhom fil-31 ta' Dicembru 2011 u huma fi stat ta` falliment.**

**Tahtar lill-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia bhala kuratur tal-falliment bis-setghat u d-dmirijiet skond it-Taqsima III tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tiddifferixxi l-kawza ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016, fl-10.00am ghall-ezami tal-inventarju li l-kuratur ghandu jhejji skond l-Art 502 et seq tal-Kap 13, ghall-ezami tal-lista tal-kredituri skond l-Art 510(1) tal-Kap 13, u sabiex tissejjah laqgha tal-kredituri skond l-Art 510(2) u (3) tal-Kap 13.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**